# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru: 264/2018 MH**

**Illum, 16 ta' Jannar, 2019**

**Jesmar Abela (K.I. 92082)**

**vs**

**Oasis Travel and Tourism Ltd (C-75564) u City Sightseeing Malta Ltd (C-73687)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Jesmar Abela tat-22 ta' Marzu 2018** permezz ta' liema ppremetta -

*"1. Illi r-rikorrent huwa mechanic li jispeċjalizza fit-tiswija ta' karozzi tal-linja u inġenji ta' kostruzzjoni;*

*2. Illi fis-snin preċedenti r-rikorrent kien ingaġġat mill-aħwa Kim u Philip Degabriele li jiġġestixxu s-soċjetajiet intimati sabiex jagħmel xogħlijiet ta' tiswija fuq u sabiex jissuplixxi parts ta' karozzi tal-linja tat-tip ta' city sightseeing;*

*3. Illi waqt li kien hekk ingaġġat, ir-rikorrent qatt ma rċieva lment dwar ix-xogħlijiet li kien jesegwixxi, qatt ma kien hemm diżgwid dwar l-ammont*

*effettivament dovut lir-rikorrent u dejjem tħallas ta' xogħolu fi flus kontanti għajr għall-bilanċ mertu tal-kawża;*

*4. Illi għas-sudetti xogħlijiet, għad fadal bilanċ dovut lir-rikorrent fl-ammont ta' tmintax -il elf, disa' mija, sitta u tletin Ewro u tnax -il ċenteżmu (€18,936.12) oltra imgħaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta' Lulju 2017. L-aħħar pagament sar f'Ġunju 2017 u minkejja li fix-xhur sussegwenti r-rikorrent talab li jiġi esegwit il-ħlas dovut lilu, dan qatt ma sar;*

*5. Illi r-rikorrent ipproċeda billi formalment interpella lis-soċjeta' Oasis Travel and Tourism Limited permezz ta' ittra uffiċjali (166A) bin-numru progressiv 9/2018 datata 11 ta' Jannar 2018 (ara Dok. 'A') u għal din l-ittra, l-istess rrespinġiet it-talbiet tar-rikorrent sempliċiment bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt permezz ta' nota datata 23 ta' Frar 2018 (ara Dok 'B');*

*6. Illi proprju fl-istess jum li ġiet preżentata n-nota responsiva, s-soċjeta' ntimata City Sightseeing Malta Limited ippreżentat ċedola ta' depożitu bin-numru progressiv 371/2018, li permezz tagħha ġiet depożitata s-somma ta' sbatax -il elf, seba' mija u wieħed Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€17, 701.97) (ara Dok 'C');*

*7. Illi f'din iċ-ċedola ta' depożitu, s-soċjeta' City Sightseeing Malta Limited iddikjarat li hi debitriċi fl-ammont ta' tmintax -il elf Ewro (€18,000) tar-rikorrent u ċertu Mario Micallef (illum sa fejn jaf ir-rikorrent fl-impjieg mas-soċjetajiet intimati). L-istess soċjeta' kompliet billi qalet li d-depożitu sar sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbilta' billi, skond hi, r-rikorrent u l-imsemmi Mario Micallef kienu jaħdmu bi sħab u nqala' tilwim bejniethom dwar min kellu jirċievi dawn il-flejjes;*

*8. Illi ċ-ċedola surreferita saret unikament sabiex ittawwal inutilment il-proċess sabiex ir-rikorrent jitħallas dak dovut lilu. Dana peress li l-aħwa Degabriele qatt ma ndikaw għan-nom ta' liema soċjeta' kien ingaġġat ir-rikorrenti u huwa biss fl-istadju meta ttieħdet azzjoni ġudizzjarja li tfaċċaw żewġ soċjetajiet. Di piu' għandu jingħad li kien l-esponenti stess li nkariga l-imsemmi Mario Micallef sabiex jagħmel xogħlijiet (sub-contracted) fuq vetturi ta' l-intimati u għalhekk l-istess intimati għandhom ikunu jafu ben tajjeb li ma għandu l-ebda relazzjoni ma' l-imsemmi Mario Micallef għaliex qatt ma nkarigawh jagħmel xi tip ta' xogħlijiet.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, jgħidu għalhekk s-soċjetajiet intimati għaliex din il-Qorti m'għandhiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għar-raġunijiet fuq premessi:*

*1. Tiddikjara li s-soċjetajiet intimati jew liema minnhom, huma debitriċi in solidum tar-rikorrent fl-ammont ta' tmintax -il elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u tnax -il ċenteżmu (€18, 936.12) oltre l-imgħax legali mill-1 ta' Lulju 2017 għal xogħol ta' mechanic u parts reżi lis-soċjetajiet intimati fuq struzzjonijiet diretti tagħhom;*

*2. Tikkundanna u tordna lis-soċjetajiet intimati in solidum, jew liema minnhom, iħallsu l-ammont ta' tmintax -il elf, disa' mija u sitta u tletin Ewro u tnax -il ċenteżmu (€18,936.12) oltre l-imgħax legali mill-1 ta' Lulju 2017;*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet intimati, inkluż tal-ittra uffiċjali (166A) bin-numru 9/2018 u bl-imgħax legali mill-1 ta' Lulju tas-sena 2017, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata konġunta tas-soċjetajiet konvenuti tat-2 ta' Mejju 2018**[1] permezz tas-segwenti eċċezzjonijiet –

*"1. Illi preliminarjament it-talbiet tal-attur fil-konfront tas-soċjeta' Oasis Travel and Tourism Limited (C-75564) huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fir-rigward tax-xogħlijiet imsemmija ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejniethom u perċio' s-soċjeta' Oasis Travel and Tourism Limited (C-75564) m'hijiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u dana bl-ispejjeż kontra l-attur;*

*2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, il-ġudizzju ma jistax ikun wieħed integru stante li s-Soċjeta' City Sightseeing Malta Limited (C-73687) tikkontendi li għall-integrita' tal-ġudizzju jeħtieġ illi jiġi kjamat fil-kawża Mario Micallef peress li kif anke jsemmi l-istess attur din il-persuna kienet għamlet xi xogħlijiet fuq il-vetturi tas-Soċjeta' City Sightseeing Malta Limited (C-73687);*

[1] Fol 14 et seq

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' ntimata City Sightseeing Malta Limited (C-73687) irrikonoxxiet li hija għandha tħallas għal dawn l-imsemmija xogħlijiet b'dana illi ma kellhiex konjizzjoni ta' min effettivament kellu dritt għal tali somma skont il-liġi u ċioe' jekk hux l-attur Jesmar Abela jew Mario Micallef u kien proprju għal dan il-fatt li fir-rigward ta' dawn ix-xogħlijiet l-istess Soċjeta' Intimata City Sightseeing Malta Limited (C-73687) intavolat Ċedola ta' Depożitu bin-numru: 371/2018 fl-ismijiet City Sightseeing Malta Ltd vs Mario Micallef u Jesmar Abela, fis-somma ta' tmintax -il elf Ewro (€18,000) (vide Dokument Ċ anness mar-rikors ġuramentat);*

*4. Illi l-esponenti soċjeta' intimata City Sightseeing Malta Limited (C-73687) iddepożitata ċ-Ċedola ta' Depożitu fis-somma ta' tmintax -il elf Ewro (€18,000) in vista tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tal-attur (vide dokument 'A' anness mar-rikors ġuramentat) fejn fiha talab proprju dan l-ammont, mentri issa bil-preżenti kawża qiegħed jitlob is-somma ta' tmntax -il elf, disa' mija, sitta u tletin ewro u tnax -il ċenteżmu (€18, 936.12);*

*5. Illi m'huwhiex minnu li ċ-Ċedola ta' Depożitu surreferita saret unikament sabiex ittawwal inutilment il-proċess, anzi din saret fl-istess ġurnata li ġiet intavolata n-Nota a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (document 'B' anness mar-rikors ġuramentat) u b'hekk il-ħlas da parti tas-soċjeta' ntimata City Sightseeing Malta Limited (C-73687) sar immedjatament;*

*6. Illi finalment mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk dawn il-flus rigwardanti l-imsemmija xogħlijiet huma dovuti biss lill-attur, allura huwa seta' liberament tkellem ma' Mario Micallef, speċjalment jekk kif ingħad mill-attur (li dan ġie sub-contracted) stess, sabiex ikun jista' jiżbanka l-flus*

*li ġew depożitati mis-soċjeta' intimata City Sightseeing Malta Limited (C-73687) permezz tal-imsemmija Ċedola u b'hekk ikun tħallas;*

*7. Illi allura u in vista tas-suespost kien proprju l-attur stess li permezz tal-preżenti kawża qiegħed itawwal il-proċeduri u l-ispejjeż, meta dan faċilment żbanka u tħallas l-ammont dovut;*

*8. Illi in vista tas-suespost l-esponenti soċjeta' intimata City Sightseeing Malta Limited (C-73687) teċċepixxi wkoll li hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, stante li hija eżumiet ruħha meta effetwat il-ħlas permezz taċ-Ċedola Depożitu surriferita u b'hekk filwaqt li hija ħarġet mix-xena, jekk se mai hemm xi vertenza dwar min għandu jieħu dawn il-flus din hija biss u unikament kwistjoni bejn l-attur u Mario Micallef;*

*9. Illi għaldaqstant it-talbiet tal-attur kif dedotti għandhom jiġu miċħud;*

*10. Salv occorrendo eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat illi l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetajiet konvenuti li ssejjaħ għall-kjamat fil-kawża ta' Mario Micallef.

Rat illi nonostante dak verbalizzat fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2018[2] la ġie preżentat affidavit u lanqas tressqu xhieda oħra dwar din l-eċċezzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

---

[2] Fol 17

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €18,936.12 oltre l-imgħax legali għal xogħolijiet ta' *mechanic* u *parts* allegatament reżi lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom fuq struzzjonijiet diretti tagħhom.

Minn naħa tagħhom u għar-raġunijiet indikati minnhom is-soċjetajiet konvenuti irribattew dawn il-pretensjonijiet attriċi.

**L-eċċezzjoni mertu tas-sentenza tal-lum tgħid hekk –**

***"......il-ġudizzju ma jistax ikun wieħed integru stante li s-Soċjeta' City Sightseeing Malta Limited (C-73687) tikkontendi li għall-integrita' tal-ġudizzju jeħtieġ illi jiġi kjamat fil-kawża Mario Micallef peress li kif anke jsemmi l-istess attur din il-persuna kienet għamlet xi xogħlijiet fuq il-vetturi tas-Soċjeta' City Sightseeing Malta Limited (C-73687);".***

In sostenn ta' din l-eċċezzjoni s-soċjetajiet konvenuti jargumentaw li huwa l-attur stess li jirrikonoxxi li Mario Micallef għamel xogħlijiet għas-soċjetajiet konvenuti. M'hemm'x qbil dwar il-vesti li fiha dan Micallef wettaq dawn ix-xogħlijiet u ċioe' jekk hux bħala sub-kuntrattur tal-attur (kif jippretendi l-attur) jew inkella bi sħab mal-istess attur (kif jinsinwaw il-konvenuti). Huma għalhekk jinsistu li Micallef għandu jinġieb fil-kawża sabiex ikun hu stess li jressaq il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward u dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-ewwel ikun l-attur li jdur fuqhom għall-ħlas u wara jitfaċċa Micallef u jerġa jitlob l-istess flus.

Minn naħa tiegħu l-attur jopponi għal din it-talba peress li fil-fehma tiegħu l-unika relazzjoni ġuridika li kien hemm kienet bejnu u s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom. Huwa sostna li Mario Micallef kien sempliċiment sub-kuntrattur tiegħu iżda qatt ma kien bi sħab miegħu.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-eċċezzjoni tal-konvenuti tistrieħ fuq l-**Art 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid hekk –

*"Tista` wkoll terza persuna, b`digriet tal-Qorti, f`kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tigi msejħa f `kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta` waħda mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba."*

Fil-każ **L-On. Dr Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali deċiż fit-30 ta' Novembru 2017**[3] minn din il-Qorti diversament preseduta saret referenza għall-ġurisprudenza in materja:

*"Fid-deċizjoni illi tat fit-18 ta` Novembru 1998 fil-kawża "**Direttur Ġenerali ta` l-Avjazzjonji Ċivili vs Panta Contracting Limited et**" din il-Qorti diversament presjeduta ppronunzjat ruħha hekk dwar fejn tkun meħtieġa kjamata fil-kawża :-*

*"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita` tal-ġiudizzju, b` mod li l-presenza ta` tali terza persuna tkun indispensabbli għar-reintegrazzjoni u kompletezza tal-proċeduri. Riċentement kien hemm diversi każi fejn ġiet ordnata il-kjamata in kawża anke jekk il-ġiudizzju kien integru, u dan sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni ġiudizzjarja u li aktar warajha iġġib azzjoni oħra, bħala konsegwenza tagħha (**Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Ċiv. 15 ta` Novembru 1991)."*

*Il-proċedura maħsuba mil-liġi stess tal-kjamata fil-kawża kienet applikata mill-qrati tagħna sabiex:-*

*(a) jiġu evitati multipliċita ta` kawżi u ġudizzji: "**Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa**" (App.Ċiv. 26 ta` Ġunju 1961) ;*

*(b) tiġi evitata possibilita ta` ġudizzji konfliġġenti u rikorsi għar-rifużjoni: "**A.J.C. Barboro vs Camelo Mallia**" (App. Ċiv. 26 ta` Ottubru 1956);*

*(c) l-interess tal-konvenut fil-konfront ta` terza persuna jiġi protett – "**Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe**" (Prim Awla. 11 ta` Marzu 1952);*

*(d) ikun fl-interess ta` t-terza persuna u l-attur illi l-ġudizzju jkun osservat sew: "**Anthony Cini vs Joseph Demanuele**" (App.Ċiv. 8 ta` Frar 1946)".*

[3] Rik 86/17

*Dan premess, il-Qorti tirreferi għas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Jannar 1997 fil-kawża "**Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et**" fejn ingħad hekk:-*

*"Il-kjamata in kawża hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jiġi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti għandha d-dover li tordnah".*

*"L-interess meħtieġ biex jiġġustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-liġi biex tiġi proposta azzjoni jew biex tista` tiġi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista` jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawża, mingħajr ma jiġi kundannat jew liberat, ikun jista` jiżviluppa r-raġunijiet tiegħu favur jew kontra l-attur".*

*(ara wkoll **Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine** deċiża fis-6 ta` Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell; **Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et** - App. Civ. 15 ta` Novembru.1991; **Michael Cutajar proprio et nomine Vs S.C. & Company Limited** deċiża fit-8 ta`Ottubru 2004 u **Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et**. deċiża fl-1 ta`Lulju 1999)."*

Il-Qorti tissottolinea li -

1. Talba għall-kjamat in kawża ta' terza persuna titqies favorevolment primarjament meta l-preżenza ta' tali persuna fil-proċeduri tkun indispensabbli għall-kompletezza tal-ġudizzju;

2. F'diversi każi pero', anke jekk il-ġudizzju kien integru, xorta ġiet ordnata l-kjamata in kawża ta' terza persuna, u dan sabiex jiġu protetti d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni ġiudizzjarja;

3. L-interess meħtieġ biex persuna tiddaħħal f'kawża għandu jkun bħall-interess ġuridiku li għandu jkollha parti fil-kawza, madankollu dan l-interess jista` jkun anke mibni fuq il-fatt li anke jekk ma jigix direttament kundannat jew liberat, il-kjamat ikun jista` jressaq ir-raġunijiet tiegħu favur jew kontra t-teżi ta' min qed jipproponi l-kawża jew tal-intimat, jew addirittura tiegħu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet.

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum il-Qorti qabel xejn tfakkar li min jallega jrid jipprova. Is-soċjetajiet konvenuti bbażaw it-talba tagħhom għall-kjamat in kawża ta' Mario Micallef fuq il-premessa li dan kien għamel xi xogħlijiet fuq il-vetturi proprjeta' tas-Soċjeta' City Sightseeing Malta Limited. Iżda b'daqshekk ma jfissirx awtomatikament li dan kellu xi dritt jirċievi l-ħlas huwa. Is-soċjetajiet konvenuti kellhom almenu juru r-rabta ġuridika tiegħu mal-pretensjoni għall-ħlas tas-somma mitluba fil-kawża. Iżda ebda ħjiel ta' prova f'dan is-sens ma tinstab fl-atti. Il-konvenuti jargumentaw li l-attur u Mario Micallef kienu sħab fix-xogħol, iżda kif ingħad prova ta' dan ma tressqitx. Lanqas ma ntwera li qatt s'issa dan Mario Micallef ivvanta magħhom jew min minnhom xi pretensjoni, formali jew informali, sabiex jitħallas is-somma mitluba mill-attur jew parti minnha. Iċ-ċedola ta' depożitu esibita in atti ma tgħid xejn ġdid minn dak allegat mill-istess konvenuti u għalhekk ma tixħet ebda dawl fuq il-kwistjoni li għandha l-Qorti fis-sentenza tal-lum. Il-Qorti ma tistax timxi fuq allegazzjonijiet u suppożizzjonijiet iżda fuq provi, li għall-fini tal-eċċezzjoni tal-lum huma karenti għall-aħħar.

Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li **minn dak li rriżultalha sal-lum**, huwa biss l-attur li qiegħed jivvanta pretensjonijiet għall-ħlas tas-somma mertu ta' dawn il-proċeduri.

Fi kwalunkwe każ is-soċjetajiet konvenuti diġa' ddepożitaw fil-Qorti l-maġġor parti assoluta tas-somma mitluba mill-attur u għalhekk ma hemm ebda preokkupazzjoni għalihom li xi terz jista' jdur fuqhom għall-ħlas tal-istess somma.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti bl-ispejjeż solidalment bejniethom u tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**